# IT-TRONIJIET TA' SAN GWANN

*Minn Mons. A. Bonnici*

**In-nies tħobbu il San Gwann! L-aħħar artiklu li ktibt dwar il-konfiska tad-deheb, fided u ġebel prezzjuż ta' dik il-knisja mill-Franċiżi qanqal interess fil-qarrejja u ħafna kellmuni fuqu. Fost l-oħrajn ċempilli s-Sur Joe Sammut tad-Dipartiment ta' l-informazzjoni, studjuż tan-numismatika u kollezzjonista tal-muniti. Dan l-aħħar ħareġ ktejjeb illustrat interessanti ħafna dwar il-flus tal-karta maltin. Is-Sur Sammut weġibni għall-mistoqsija li għamilt fl-artiklu tiegħi, u qalli li l-uqijat li l-Franċiżi għamlu fiz-zekka maltija bil-fided misruqa kellhom marka biex jintgħarfu. Din kienet tikka jew ħdejn imnieħer ix-xbiha, jew taħt ix-xbiha, li kienet tal-Grammastru Hampesch.**

Xi ħadd mill-qarrejja talabni ngħid l-istorja taz-zewg troni u ser nikkuntentah. Ilkoll tafu bihom iż-żewġ troni li hemm fuq il-presbiterju ta' San Gwann. Zewġ troni fil-għoli quddiem xulxin u baldakkin fuqhom tal-bellus aħmar skur b'galluni, freneż, ġmiemel u lazzijiet tad-deheb. Meta ngħidu "tron", aħna l-Maltin nifhmu l-baldakkin; iżda proprjament it-tron huwa l-pultruna. Dwar hekk, isimgħu din.

Għal xi żmien kont eżaminatur tal-Latin fl-Universita' fis-snin li kien jgħallem il-Letteratura Latina Prof. Armstrong. Darba minnhom tajna lill-kandidati biex jittraduċu biċċa mill-Ingliż għal-Latin, li fiha kien jissemma Re li kien fuq it-tron. Għadd kbir tal-kandidati ttraduċew l-espressjoni bil - kelmiet "sub throno" (taħt it-tron), għax, kif għidna, bit-tron kienu jifhmu l-pavaljun jew il-baldakkin ta' fuqu.

Professur Armstrong beda jistagħgeb kif ħafna għamlu dak l-izball, li kif qalilna hu, ġagħlu jimmaġina lil dak l-imsejken sultan bħal qattus imgezzez taħt pultruna sabiħa, 'flok qiegħed bilqegħda fuqha b'majjesta' rijali. U staqsieni kif stajt infisser dak l-iżball. Jiena, li kont ġa fhimt il-biċċa, għidtlu r-raġuni ta' dak l-iżball u hu beda jidħaq kemm jiflaħ.

Issa ħa nerġgħu mmorru lura għat-troni ta' San Gwann. Dak tan-naħa tal-Vanġelu jissejjaħ it-tron tar-Re, l-ieħor man-naħa tal-Epistola, jissejjaħ it-tron ta' l-Isqof.

### TRON TAL-GRAMMASTRU

Meta nbniet il Knisja ta' San Gwann fis-snin 1573-77 bħala Knisja Konventwali tal-Ordni Gerosolmitan, fuq il-presbiterju, man naħa tal-Vanġelu, tqiegħed it-tron tal-Grammastru bil-baldakkin li fuqu kien hemm l-arma tiegħu. Ftakru li l-Grammastru ma kienx biss Sovran, imma ukoll Kap Sup-

(kompli f'paġna 7)

# IT-TRONIJIET TA' SAN GWANN

(Jaqbad minn paġna 3)

rem ta' Ordni Reliġjuż, u għalhekk ma kien hemm xejn kontra l-ispirtu liturġiku fil-qagħda tiegħu fuq il-presbiterju.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li f'San Gwann, fi żmien l-Ordni, l-Isqof ta' Malta ma kellux postu fuq il-presbiterju, iżda kien joqgħod fost il-Kavallieri "Gran Croce" tal-Ordni. Għax f'dik il-Knisja ma kellu ebda ġurisdizzjoni. It-tmexxijja spiritwali kienet f'idejn il-Gran Pirjol konventwali, li kellu s-sedja tiegħu bla baldakkin fejn il-lum hemm it-tron tal-Isqof. Fuq is-sedja tiegħu kien hemm il-pulptu, li għalih il-predikatur kien jitla' middahar tal-pilastru, fejn għada tidher id-daħla għat-taraġ.

## IL-FRANĊIŻI U L-INGLIŻI

Meta l-Franċiżi taħt Ġeneral Bonaparte keċċew il-Kavallieri minn Malta, Napuljun qiegħed il-Knisja ta' San Gwann għad-dispożizzjoni tal-Isqof biex iservi ta' Konkatidral. Billi l-anqas laħqu għaddew tliet xhur u l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi, ma naħsebx li kien hemm okkażjoni li l-Isqof, qabel jew wara ppontifika f'San Gwann.

Dak li nafu żgur hu li Napuljun neħħa l-armi kollha tal-Grammastru u tan-Nobbli u qiegħed fil-knejjes il-bandiera tar-Repubblika Franċiża. Dan ġara ukoll fil-knisja ta' San Gwann.

Wara li telqu l-Franċiżi, daħlu flokhom l-Ingliżi. Dawn anqas tant rieduhom l-armi tal-Ordni, u tal-barranin u malajr ippruvaw

(Ikompli f'paġna 12)

# It-Tronijiet ta' San Gwann

(Jagħad minn paġna 7)

iqegħdu minn flokhom l-arma Ingliża. Sir Alexander Ball, il Kummissarju Ingliż, ordna li fil-Katidral u fil-knejjes ewlenin jitqiegħed tron u li fil-festi titwaħħal fuqu l-arma rjali Ingliża. Il-Gvernatur kellu jkollu seda speċjali. L-Isqof Mattei fit-12 ta' Mejju 1808 qagħad għal dik l-ordni u ffirmaħ bħala ftehim mal-Kummissarju Ingliż. L-Isqof, pero', baqa' jgħodd liturġikament bħala tiegħu, it-tron tar-Re għax dak kien postu fil-knisja.

Sadattant nibtet il pesta tal-1813, li qerdet eluf ta' nies f'Malta u Għawdex u ġiebet l-għeluq tal-knejjes sas-sena ta' wara. Meta dik il marda kiefra waqfet, l-Isqof Mattei ordna li jitkanta TE DEUM ta' ħajr fil-knejjes kollha ta' Malta u stieden lill-Gvernatur Maitland għar-radd ta' ħajr li kellu jsir f'San Gwann.

## IL-KUMMISSJONI RJALI — 1812

Fis sena 1812 kiene ġiet Malta kummissjoni Rjali, biex tistħarreġ dwar il qagħda ta' Malta in ġenerali. Il-Kummissarji rrappurtaw fuq mottivi mhux minnhom li l-pretensjoni tal-Isqof għall-proprjeta' ta' San Gwann ma kellhiex bażi soda u li l-Knisja kellha titqies bħala proprjeta' tal-Gvern. Għalhekk, meta Maitland ġie mibgħut f'Malta bħala l-ewwel mexxej Ingliż bl-isem ta' Gvernatur, kellu istruzzjonijiet mir-Re li jiċħad għal kollox il-jeddijiet tal-Isqof ta' Malta fuq San Gwann.

Għal din ir-raġuni, fl-istedina għat-TE DEUM li semmejna, Maitland ħataf l-okkażjoni u ħa d-deċiżjoni, li ġiet ukoll approvata minn Lord Bathurst, is-Segretarju tal-Gwerra u tal-Kolonji, li hu, bħala Gvernatur, kellu joqgħod fuq sedja speċjali barra l-presbiterju, iżda it-tron ġol-presbiterju kellu jibqa' riservat għar-Re, bħala suċċessur tal-Grammastru, u li fuqu kellha titwaħħal għal dejjem l-arma rjali Ingliż. L-arma Ingliża twaħħlet u hemm baqgħet sal-1964, meta minn flokha twaħħlet l-arma nazzjonali ta' Malta, li f'dik is-sena kisbet l-indipendenza. Illum l-arma Ingliża qegħda fil-Mużew tal-knisja ta' San Gwann, merfugħa b'għożża, għax oġġett tal-istorja, ma għandu qatt jitgħatta jew jinħeba.

## ANOMALIJA LITURGIKA

Ladarba dak it-tron ma setax jiġi aktar użat mill-Isqof tal-post, allura dan fejn kien se joqgħod fil-funzjonijiet reliġjużi? L-uniku rimedju, biex ma jinqalax inkwiet, kien li iqiegħed it-tron tiegħu quddiem dak tar-Re, fin-naħa tal-Epistola; u hemmhekk għadu sal-lum, bl-anomalija liturgika ta' Kap Spiritwali qiegħed f' post sekondarju fil-knisja tiegħu u bl-anomalija l-oħra li l-Arċidjaknu, li jkun ħdejh biex jgħinu ikollu jagħti daru lill-artal!

Jingħad, pero', u naħseb li hu minnu li qatt ebda Sovran Ingliż ma attenda funzjonijiet f'San Gwann u għalhekk, dak it-tron baqa' mhux użat. Aqtgħu min qagħad fuqu! Xi turisti wiċċhom tost, speċjalment nisa, li kienu jmorru joqgħodu bilqegħda fuqu u jġagħlu lir-raġel jeħdilhom ir-ritratt waqt li jippużaw ta' reġini! Din kienet waħda mir-raġunijiet li meta kont Deputat ta' San Gwann, ġagħluni nagħalaq il-presbiterju bil-ħbula ħomor.

Sadattan it-turisti, kważi kollha, meta l-gwida ikun għadu ma qalilhomx, jistaqsu. "X'ifissru dawk iż-żewġ tronijiet?" Issa, jekk qatt jiġi xi ħadd jagħmlilhom ċin il-mistoqsija, intom tafu x' għandkom twieġbuh.